Nru. 18,079
Prezz/Price
Lm1.44 (€3.35)

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 22 ta' Mejju, 2007
Tuesday, 22nd May, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 471**

### AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,078 tat-18 ta' Mejju, 2007.

A.L. Nru. 136 ta' l-2007: Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Kap. 449); Regolamenti ta' l-2007 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Postijiet ta' l-Ikel.

A.L. Nru. 137 ta' l-2007: Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Kap. 449); Regolamenti ta' l-2007 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Min Jipprepara l-Ikel.

A.L. Nru. 138 ta' l-2007: Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Taxxa fuq l-*Income)*.

A.L. Nru. 139 ta' l-2007: Att dwar l-Awtorità tad-Djar (Kap. 261); Ordni ta' l-2007 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 2).

A.L. Nru. 140 ta' l-2007: Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Impjegati *Part-Time*.

It-22 ta' Mejju, 2007

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 471**

### LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 18,078 of the 18th May 2007.

L.N. No. 136 of 2007: Food Safety Act (Cap. 449); Registration of Food Premises (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 137 of 2007: Food Safety Act (Cap. 449); Food Handlers (Registration) (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 138 of 2007: Income Tax Management Act (Cap. 372); Electronic Communications (Income Tax) (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 139 of 2007: Housing Authority Act (Cap. 261); Housing Authority (Transfer of Assets) (No. 2) Order, 2007.

L.N. No. 140 of 2007: Employment and Industrial Relations Act, 2002 (Cap. 452); Part-Time Employees (Amendment) Regulations, 2007.

22nd May, 2007

**Nru. 472**

**IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' Mejju 2007 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 461 tas-17 ta' Mejju 2007, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-18 ta' Mejju, 2007
(OPM 31/2007)

**No. 472**

**RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE**

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister and Minister of Finance on Friday, 18th May, 2007 and that the arrangements made by Government Notice No. 461 of the 17th May 2007, ceased to have effect accordingly.

18th May, 2007

**Nru. 473**

**ATT DWAR IL-QORTI TAL-MINORENNI (KAP. 287)**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva n-nomina tas-Sur Frank Muscat bħala Assistent tal-Qorti tal-Minorenni għal perjodu ta' ħames snin bejn it-3 ta' Frar 2007 u t-12 ta' Frar 2012, jew sa dak iż-żmien li l-liġi tal-Qorti tal-Familja tiġi fis-seħħ, b'żieda mal-lista li dehret fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 304 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' April 2007.

Is-17 ta' Mejju, 2007
MJ/128/89
OPM/1691/85

**No. 473**

**JUVENILE COURT ACT (CAP. 287)**

IT is notified for general information that the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, approved the appointment of Mr Frank Muscat as Assistant to the Juvenile Court for the period of five years between 3rd February 2007 and 2nd February 2012 or until such date when the Law of the Family Court becomes effective, in addition to the list appearing under Government Notice No. 304 published in the Government Gazette dated 3rd April 2007.

17th May, 2007

**Nru. 474**

**ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT ĠENERALI**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 91 (1) u bl-Artikolu 124 (5) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra ta' Dott. Peter Grech, Deputat Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali mit-28 ta' Mejju 2007 sal-1 ta' Ġunju 2007, iż-żewġ dati nklużi.

It-22 ta' Mejju, 2007

**No. 474**

**APPOINTMENT OF ACTING ATTORNEY GENERAL**

IN exercise of the powers conferred by Article 91 (1) and by Article 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment of Dr Peter Grech, Deputy Attorney General, to act as Attorney General from 28th May 2007 to 1st June 2007, both days inclusive.

22nd May, 2007

**Nru. 475**

## MINISTERU GĦALL-KOMPETITTIVITÀ U KOMUNIKAZZJONI

### Ħatra ta' Direttur Ġenerali (Konsumatur u Kompetizzjoni) u Funzjonijiet ta' Direttur tal-Kompetizzjoni Ġusta u Direttur għall-Affarijiet tal-Konsumatur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lil Dott. Mireille Vella, DVM, MSc, PhD (Reading), bħala Direttur Ġenerali (Konsumatur u Kompetizzjoni) fil-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni b'seħħ mit-13 ta' Marzu, 2007.

Dott. Mireille Vella, DVM, MSc, PhD (Reading), assumiet ukoll il-funzjonijiet ta' Direttur tal-Kompetizzjoni Ġusta u Direttur għall-Affarijiet tal-Konsumatur b'seħħ mill-25 ta' Marzu 2007.

Is-17 ta' Mejju, 2007

**No. 475**

## MINISTRY FOR COMPETITIVENESS AND COMMUNICATIONS

### Appointment of Director General (Consumer and Competition) and Functions of Director for Fair Competition and Director of Consumer Affairs

IN exercise of the powers vested in him by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Dr Mireille Vella, DVM, MSc, PhD (Reading), as Director General (Consumer and Competition) within the Ministry for Competitiveness and Communications with effect from 13th March, 2007.

Dr Mireille Vella, DVM, MSc, PhD (Reading), has also assumed the functions of Director for Fair Competition and Director of Consumer Affairs with effect from the 25th March 2007.

17th May, 2007

**Nru. 476**

## NOMINA TA' AĠENT DIRETTUR/REĠISTRATUR TAL-QRATI ĊIVILI U TRIBUNALI ĊIVILI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

**No. 476**

## APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR/REGISTRAR CIVIL COURTS AND CIVIL TRIBUNALS

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice and Home Affairs has approved the following acting appointment:–

| ISEM<br>*NAME* | POŻIZZJONI<br>*POSITION* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Mr Paul Miruzzi | Aġent Direttur/Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali Ċivili<br>*Acting Director/Registrar Civil Courts and Civil Tribunals* | Qrati tal-Ġustizzja<br>*Courts of Justice* | 29.05-1.06.07 |

It-22 ta' Mejju, 2007

22nd May, 2007

**Nru. 477**

**UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA**

**Notifika ta' Konċentrazzjoni**

Id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta skond regolament 5(4) tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ippubblikati kif emendat b'Avviż Legali 49 ta' l-2007 illi, wara li ġie aċċertat il-ħlas għad-dritt tan-Notifika, jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi saret u ġiet aċċettata nhar il-Ġimgħa, il-11 ta' Mejju, 2007 notifika tal-konċentrazzjoni bejn Frozen Art Limited Alf Mizzi and Sons (Marketing) Limited u Golden Harvest Manufacturing Company Limited.

Il-konċentrazzjoni hija amalgamazzjoni bejn Frozen Art Limited u Golden Harvest Manufacturing Company Limited.

Is-setturi ekonomiċi affettwati huma ta' *impulse ice-cream,* kif ukoll tal-ġelat *take-home* u *frozen desserts*.

Id-Direttur jistieden lil terzi interessati biex bil-kitba jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom għall-konċentrazzjoni notifikata.

Tali osservazzjonijiet għandhom jaslu lill-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta fi żmien sebat ijiem mill-pubblikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern f'dan l-indirizz:–

Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni
Uffiċċju għall-Kummerċ Ġust
Triq il-Kanun
Sta. Venera SVR 9039
Malta

Is-16 ta' Mejju 2007

**No. 477**

**OFFICE FOR FAIR COMPETITION**

**Notification of Concentration**

The Director of the Office for Fair Competition in terms of regulation 5(4) of Regulations on Control of Concentrations, 2002 published in the Legal Notice 294 of 2002 as amended by LN. 49 of 2007 notifies for general information that after verification of payment of Notification Fee notification of a concentration between Frozen Art Limited Alf Mizzi and Sons (Marketing) Limited and Golden Harvest Manufacturing Company Limited was accepted on Friday, 11th May, 2007.

The nature of the concentration is a merger between Frozen Art Limited and Golden Harvest Manufacturing Company Limited.

The economic sector affected is those of impulse ice-cream, take-home ice-cream and frozen desserts.

The Director invites interested third parties to submit their written observations on the notified concentration.

Such observations should reach the Office for Fair Competition within seven days following publication of this Notification in the Government Gazette to:–

Consumer and Competition Division
Office for Fair Trading
Cannon Road
St. Venera SVR 9039
Malta

16th May, 2007

**Nru. 478**

**UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA**

**Notifika ta' Konċentrazzjoni**

Id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta skond regolament 5(4) tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ippubblikati kif emendat b'Avviż Legali 49 ta' l-2007 illi, wara li ġie aċċertat il-ħlas għad-dritt tan-Notifika, jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi saret u ġiet aċċettata nhar il-Ġimgħa, il-11 ta' Mejju, 2007 notifika tal-konċentrazzjoni bejn Goldman Sachs u Alliance Atlantis Communications Inc.

**No. 478**

**OFFICE FOR FAIR COMPETITION**

**Notification of Concentration**

The Director of the Office for Fair Competition in terms of regulation 5(4) of Regulations on Control of Concentrations, 2002 published in the Legal Notice 294 of 2002 as amended by LN. 49 of 2007 notifies for general information that after verification of payment of Notification Fee notification of a concentration between Goldman Sachs and Alliance Atlantis Communications Inc. was accepted on Friday, 11th May, 2007.

Il-konċentrazzjoni hija akkwist minn Goldman Sachs ta' Alliance Atlantis Communications Inc.

Is-setturi ekonomiċi affettwati huma ta' *television broadcasting*, pubblikazzjonijiet, u *interactive radio* u *outdoor advertising*.

Id-Direttur jistieden lil terzi interessati biex bil-kitba jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom għall-konċentrazzjoni notifikata.

Tali osservazzjonijiet għandhom jaslu lill-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta fi żmien sebat ijiem mill-pubblikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern f'dan l-indirizz:–

Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni
Uffiċċju għall-Kummerċ Ġust
Triq il-Kanun
Sta. Venera SVR 9039
Malta

Is-16 ta' Mejju 2007

The nature of the concentration is the acquisition between Goldman Sachs and Alliance Atlantis Communications Inc.

The economic sectors affected are those of television broadcasting, publications, and interactive radio and outdoor advertising.

The Director invites interested third parties to submit their written observations on the notified concentration.

Such observations should reach the Office for Fair Competition within seven days following publication of this Notification in the Government Gazette to:–

Consumer and Competition Division
Office for Fair Trading
Cannon Road
St. Venera SVR 9039
Malta

16th May, 2007

**Nru. 479**

**ATT DWAR L-GĦAJNUNA FINANZJARJA LILL-INDUSTRIJI TAL-BIEDJA U TAS SAJD (KAP. 146)**

**Applikazzjonijiet għal Għajnuna fit-termini tar-Regolamenti ta' l-Aġenzija tal-Pagamenti (Emenda), 2004**

1. F'punt 9 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern, 1% biss għandu jiġi mnaqqas mill-ammonti ta' applikazzjonijiet mogħtija tard.

2. F'punt 9 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern, l-aħħar sentenza għandha tiġi mħassra.

3. F'punt 10 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern, is-sentenza ta' hawn taħt għandha tiġi miżjuda fl-aħħar.

"Kull *parcel* agrikolu, li mhux dikjarat sal-31 ta' Mejju 2007, għall-fini ta' l-iskema ta' ħlas wieħed għandu jiġi miżjud fl-applikazzjoni ta' għajnuna waħda wara l-31 ta' Mejju sad-9 ta' Ġunju 2007, imma għandu jkun soġġett għal-tnaqqis ta'1%".

It-22 ta' Mejju, 2007

**No. 479**

**AGRICULTURE AND FISHERIES INDUSTRIES (FINANCIAL ASSISTANCE) ACT (CAP. 146)**

**Aid Applications in Terms of the Paying Agency (Amendment) Regulations, 2004**

1. In point 9 of the Government Notice, only 1% shall be deducted from the amounts for late applications.

2. In point 9 of the Government Notice, the last sentence shall be deleted.

3. In point 10 of the Government Notice, the following sentence shall be added at the end.

"Any agricultural parcels, not yet declared by 31st May 2007, for the purposes of the single payment scheme may be added in the single application after the 31st May until the 9th June 2007, but shall be subjected to a 1% deduction".

22nd May, 2007

**Nru. 480**

**ATT DWAR IL-*CONDOMINIA***
**(Kap. 398)**

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:

| Nru. tal-*Condominium*<br>*Condominium Number* | Indirizz tal-*Condominium*<br>*Address of Condominium* | Rimarki<br>*Remarks* | Data tar-Reġistrazzjoni<br>*Date of Registration* |
|---|---|---|---|
| 163 | "Helcar Flats"<br>Triq il-Makna tas-Serrar<br>Msida | Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/<br>*Registration of Rules* | 16/05/2007 |
| 164 | "Cornerways Apartments"<br>Triq Ħal Qormi<br>Birkirkara | Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/<br>*Registration of Rules* | 18/05/2007 |

Dott. Stephanie Pappalardo
*Reġistratur ta' l-Artijiet*

It-22 ta' Mejju, 2007

**No. 480**

**CONDOMINIUM ACT**
**(Cap. 398)**

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Dr Stephanie Pappalardo
*Land Registrar*

22nd May, 2007

**Nru. 481**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

*Avviż ta' Applikazzjonijiet li għandhom bżonn stima ta' l-impatt ambjentali skond l-artikolu 7(5) tar-Regolamenti dwar l-Istima ta' l-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 114/2007)*

L-APPLIKAZZJONI hawn taħt imsemmija teħtieġ Stima ta' l-Impatt Ambjentali. L-applikazzjoni hi miġbura skond il-lokalità u tinkludi n-numru ta' l-applikazzjoni, it-titlu ta' l-iżvilupp u l-isem ta' l-applikant. l-pubbliku jista' jara l-applikazzjoni hawn taħt imsemmija fl-uffiċċju ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana, waqt il-ħinijiet tal-ftuħ.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, St. Francis Ravelin, il-Furjana, dwar materji li jkun jixtieq li jiġu inklużi fl-Istima ta' l-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandu jkollhom id-dettalji ta' l-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu għand l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sa tliet ġimgħat mid-data dan l-avviż. Aktar informazzjoni tistab fuq il-*website* ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: www.mepa.org.mt. Sottomissjonijiet jintlaqgħu ukoll fuq eiamalta@mepa.org.mt.

**No. 481**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

*Applications that require an environmental impact assessment notice in accordance with section 7(5) of the Environmental Impact Assessment (2007) Regulations (Legal Notice 114/2007)*

THE following development permit application is subject to an Environmental Impact Assessment. The application is set out by locality and includes the PA number, title of the development and the name of the applicant. A copy of this application can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana, during office hours.

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority within 3 weeks from this notice. More information can be obtained from the Malta Environment and Planning Authority website: www.mepa.org.mt. Submissions can also be sent on eiamalta@mepa.org.mt.

| | | |
|---|---|---|
| Sit f'Ricasoli, limiti tal-Kalkara u x-Xgħajra | GF 00099/06 | Smart City Malta Development |
| *Site at Ricasoli limits of Kalkara and Xgħajra* | *GF 00099/06* | *Smart City Malta Development* |

It-22 ta' Mejju, 2007

22nd May, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 42**

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**L-Għasri, Għawdex**

Nhar il-Ħamis, is-7 ta' Ġunju 2007 mit-3.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Wilġa, Dun Karm Caruana u r-Rabat.

Nhar is-Sibt, id-9 ta' Ġunju 2007 u nhar il-Ħadd, l-10 ta' Ġunju 2007 mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Salvatur, Dun Karm Caruana, Wilġa u Salvu Gambin.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

**L-Imqabba**

Nhar it-Tnejn, il-11 ta' Ġunju 2007 mis-7.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Knisja, il-Madonna tal-Ġilju, l-Aħwa Ghigo, il-Barumbara, ix-Xriek, il-Mitħna, it-Troll, il-Pal, Santa Katerina, il-Qrendi, is-Saljatura, iż-Żurrieq, it-Torba, l-Ispnari, il-Familja Brincati, Ħal Kirkop, il-Ġublew tad-Djamanti, il-Murselli, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Kileb, is-Sejba u Ġnien il-Missjoni ż-Żgħira.

Nhar it-Tlieta, it-12 ta' Ġunju 2007 mis-7.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: K. Ciantar, San Bażilju u Misraħ il-Knisja.

Nhar l-Erbgħa, it-13 ta' Ġunju 2007 mit-8.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Knisja, l-Isptar il-Qadim, Mikiel Anġ. Sapiano, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Mentna, Ħal Kirkop, il-Katakombi, Dun Gerald Mangion, Nikol Zammit, in-Nazzarenu, Mikiel Zammit, il-Ħajt tal-Matla, il-Majjistra Mikelina Galea, il-Venuti, Dun Anġ. Mallia, K. Ciantar, San Bażilju, Karmnu, Valletta u d-Duluri.

POLICE NOTICE

**No. 42**

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

**Għasri, Gozo**

On Thursday, 7th June 2007 from 3.00 p.m. through the following streets: Wilġa, Dun Karm Caruana and ir-Rabat.

On Saturday, 9th June 2007 and on Sunday, 10th June 2007 from 6.00 p.m. through the following streets: Pjazza Salvatur, Dun Karm Caruana, Wilġa and Salvu Gambin.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed.

**Mqabba**

On Monday, 11th June 2007 from 7.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Misraħ il-Knisja, il-Madonna tal-Ġilju, l-Aħwa Ghigo, il-Barumbara, ix-Xriek, il-Mitħna, it-Troll, il-Pal, Santa Katerina, il-Qrendi, is-Saljatura, iż-Żurrieq, it-Torba, l-Ispnari, il-Familja Brincati, Ħal Kirkop, il-Ġublew tad-Djamanti, il-Murselli, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Kileb, is-Sejba and Ġnien il-Missjoni ż-Żgħira.

On Tuesday, 12th June 2007 from 7.00 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: K. Ciantar, San Bażilju and Misraħ il-Knisja.

On Wednesday, 13th June 2007 from 8.00 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Misraħ il-Knisja, l-Isptar il-Qadim, Mikiel Anġ. Sapiano, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Mentna, Ħal Kirkop, il-Katakombi, Dun Gerald Mangion, Nikol Zammit, in-Nazzarenu, Mikiel Zammit, il-Ħajt tal-Matla, il-Majjistra Mikelina Galea, il-Venuti, Dun Anġ. Mallia, K. Ciantar, San Bażilju, Karmnu, Valletta and id-Duluri.

Nhar il-Ħamis, l-14 ta' Ġunju 2007 mis-7.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Knisja, id-Duluri, Valletta, San Bażilju, San Mikiel, Misraħ il-Fidwa, l-Imterrqa, il-Barrieri, il-Ħarriġiet, Ġorġ Mangion, il-15 ta' Settembru 1598, il-Qattara, K. Ciantar, San Bażilju, il-Konvoj ta' Santa Marija u d-9 ta' April.

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Ġunju 2007 mis-7.30 p.m. san-12.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Knisja, K. Ciantar, id-9 ta' April, Misraħ il-Fidwa, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Franka, Mons. Alfons Caruana, Ġanni Darmanin, Xandru Farrugia u San Bażilju.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Ġunju 2007 mis-6.30 p.m. san-nofsillejl minn Triq Santa Katerina u Misraħ il-Knisja.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Ġunju 2007 mill-11.00 a.m. san-nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Knisja, Santa Katerina, San Innoċenzju, iċ-Ċavi, Santa Marija, San Bażilju, Valletta, il-Fjuri, K. Ciantar u l-Parroċċa.

Vetturi misjuba pparkjati fit-toroq imsemmija hawn fuq jiġu rmunkati.

It-22 ta' Mejju, 2007

On Thursday, 14th June 2007 from 7.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Misraħ il-Knisja, id-Duluri, Valletta, San Bażilju, San Mikiel, Misraħ il-Fidwa, l-Imterrqa, il-Barrieri, il-Ħarriġiet, Ġorġ Mangion, il-15 ta' Settembru 1598, il-Qattara, K. Ciantar, San Bażilju, il-Konvoj ta' Santa Marija and id-9 ta' April.

On Friday, 15th June 2007 from 7.30 p.m. to 12.30 a.m. through the following streets: Misraħ il-Knisja, K. Ciantar, id-9 ta' April, Misraħ il-Fidwa, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Franka, Mons. Alfons Caruana, Ġanni Darmanin, Xandru Farrugia and San Bażilju.

On Saturday, 16th June 2007 from 6.30 p.m. to midnight through Triq Santa Katerina and Misraħ il-Knisja.

On Sunday, 17th June 2007 from 11.00 a.m. to midnight through the following streets: Misraħ il-Knisja, Santa Katerina, San Innoċenzju, iċ-Ċavi, Santa Marija, San Bażilju, Valletta, il-Fjuri, K. Ciantar and il-Parroċċa.

Vehicles found parked along the above mentioned streets will be towed.

22nd May, 2007

## KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

### Post ta' *Consultant Radiotherapist* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Consultant Radiotherapist* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Consultant Radiotherapist* għandu salarju ta' Lm10,811 (€25,182.86) - (Skala ta' Salarju 4).

3.1. Il-ħatra li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun soġġetta għal ġimgħa ta' 40 siegħa u wara tkun tista' tissejjaħ fuq bażi ta' *roster*.

3.3. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' filgħodu, imma skond l-esiġenzi tas-servizz, sessjonijiet ta' wara nofsinhar, magħduda s-sessjonijiet ta' l-*outpatients,* jistgħu jsiru skond l-arranġamenti approvati mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

## PUBLIC SERVICE COMMISSION

### Post of Consultant Radiotherapist in the Health Division in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the post of Consultant Radiotherapist in the Health Division.

2. The post of Consultant Radiotherapist carries a salary of Lm10,811 (€25,182.86) per annum - (Salary Scale 4).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be conditioned to a 40-hour week and may be on call thereafter on a roster basis.

3.3. The working hours of the appointee will not necessarily be limited to morning duties but, in accordance with the exigencies of the service, afternoon sessions, including outpatient sessions, may have to be carried out as per arrangements approved by the Health Division.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna fil-grad ta' *Consultant Radiotherapist* tifforma parti mid-Dipartiment ta' l-*Oncology* u *Radiotherapy* u taqa taħt iċ-*Chairman* tad-Dipartiment ta' l-*Oncology* u *Radiotherapy*. Hija tkun meħtieġa li tieħu sehem fl-attivitajiet u fil-programm tat-tagħlim u t-taħriġ tad-Dipartiment tal-*Oncology* u *Radiotherapy*.

5.2. Il-persuna nominata tkun risponsabbli għat-tmexxija medika kollha tal-pazjenti taħt il-kura tagħha.

5.3. Il-persuna nominata tkun taħdem fl-Isptar Sir Paul Boffa u trid tagħmel sezzjoni regolari kull xahar ta' *outpatient* fl-isptar Ġenerali ta' Għawdex. Tkun trid iżżur lill-morda fl-isptarijiet oħra u tagħti parir dwarhom kif ikun mitlub minn konsulenti oħra.

5.4. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li tagħmel regolarment sessjonijiet speċjalizzati fiċ-Ċentri tas-Saħħa skond programmi approvati dwar kura fil-komunità u tista' tkun meħtieġa li tagħti servizz f'xi estensjoni futura oħra ta' servizz tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali komprensiva tas-Saħħa.

5.5. Meta l-persuna nominata tkun il-Konsulent fuq ix-xogħol, tista' tkun meħtieġa li tattendi għall-ħtiġiet tal-pazjenti skond l-esiġenzi tas-servizz.

5.6. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta li d-dixxiplina u l-prattika fis-sala (inklużi l-aspetti ta' l-iġjene) li jaffettwaw il-pazjenti taħt il-kura tagħha, ikun ta' l-ogħla livell possibbli.

5.7. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta t-twettiq ta' programm kontinwu ta' taħriġ u edukazzjoni għall-i*staff* li jieħu ħsieb il-pazjenti taħt il-kura tagħha.

5.8. Il-persuna nominata tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif tkun mitluba miċ-*Chairman* tad-Dipartiment ta' l-*Oncology* u *Radiotherapy*.

3.4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The Consultant Radiotherapist will form part of the Department of Oncology and Radiotherapy and will be directly accountable to the Chairman of the Department of Oncology and Radiotherapy. He/She will be expected to take part in the activities of the Department of Oncology and Radiotherapy and to participate in its teaching and research programmes.

5.2. The appointee shall be responsible for the overall medical management of patients under his/her care.

5.3. The appointee shall be based at Sir Paul Boffa Hospital and shall hold a regular monthly outpatient clinic at Gozo General Hospital. He/she shall visit and give advice on patients at other hospitals at the request of other Consultants.

5.4. The appointee may be required to hold regular specialised clinics in the Health Centres in accordance with approved community care programmes and may also be required to provide service in any future extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme.

5.5. When the appointee is the Admitting Consultant (on call) he/she may be required to attend to the needs of patients according to the exigencies of the service.

5.6. The appointee shall be responsible to ensure that ward discipline and practice (including aspects of hygiene) affecting patients under his/her care are of the highest possible level.

5.7. The appointee shall be responsible to ensure the implementation of an on going/continuing training and education programme in respect of the staff caring for the patients under his/her charge.

5.8. The appointee will participate in undergraduate and postgraduate teaching and training as required.

5.9. Il-persuna nominata tkun trid twaqqaf mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità tas-servizz u verifika medika.

5.10. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom Liċenzja biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(d) ikollhom:

JEW

(i) evidenza ta' eliġibbiltà ta' reġistrazzjoni bħala *Specialist* fir-Radjoterapija fl-Unjoni Ewropea;

JEW

(ii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fir-Radjoterapija (FRCR jew kwalifika oħra komparabbli xierqa)

5.9. The appointee will be required to establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

5.10. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) be in possession of:

EITHER

(i) evidence of eligibility for Specialist registration in Radiotherapy in the European Union;

OR

(ii) a higher postgraduate qualification in Radiotherapy (FRCR or other appropriate comparable qualification) and

u sentejn esperjenza fil-grad ta' *Senior Registrar* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta;

JEW

(iii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fir-Radjoterapija (FRCR jew kwalifika oħra komparabbli xierqa) u ħames snin ta' esperjenza fir-Radjoterapija wara li jkunu ġabu l-imsemmija kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni.

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. L-applikanti għandu jkollhom il-livell meħtieġ ta' kompetenza fir-Radjoterapija u l-Onkoloġija Medika.

9.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi

two years experience in Radiotherapy in the grade of Senior Registrar in the Malta Public Service;

OR

(iii) a higher postgraduate qualification in Radiotherapy (FRCR or other appropriate comparable qualification) and five years experience in Radiotherapy following the attainment of the said higher postgraduate qualification.

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Applicants are expected to have the required level of expertise in Radiotherapy and Medical Oncology.

9.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement

mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibgħatu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

11. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Ġunju 2007.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Ġunju 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-22 ta' Mejju, 2007

should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

11. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

13. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience and the names of two referees, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Department, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon of Friday, 15th June 2007.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 15th June 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

22nd May, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Post ta' *Consultant Geriatrician* fid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Consultant Geriatrician* fid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2. Il-post ta' *Consultant Geriatrician* għandu salarju ta' Lm10,811 (€25,182.86) fis-sena. (Skala ta' Salarju 4).

3.1. Il-ħatra li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u d-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità b'mod partikolari. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun soġġetta għal ġimgħa ta' 40 siegħa u wara tkun tista' tissejjaħ fuq bażi ta' *roster*.

3.3. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' filgħodu, imma skond l-esiġenzi tas-servizz, sessjonijiet ta' wara nofsinhar, magħduda s-sessjonijiet ta' *outpatients,* jistgħu jsiru skond l-arranġamenti approvati mid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata tiħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz

5.1. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tgħin fi tkabbir u l-iżvilupp kontinwu tas-Servizzi Ġerjatriċi f'Malta billi:-

(a) tiżviluppa Servizz ta' *Day Care* u *Day Hospital* fl-Isptarijiet Ġerjatriċi f'Malta;

(b) ittejjeb il-faċilitajiet għall-*acute in-patient care* fir-Residenza San Vincenz de Paule; u

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Post of Consultant Geriatrician in the Department for the Elderly and Community Care within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care**

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the post of Consultant Geriatrician in the Department for the Elderly and Community Care.

2. The post of Consultant Geriatrician carries a salary of Lm10,811 (€25,182.86) per annum (Salary Scale 4).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service in general and the Department for the Elderly and Community Care in particular. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be conditioned to a 40-hour week and may be on call thereafter on a roster basis.

3.3. The working hours of the appointee will not necessarily be limited to morning duties but, in accordance with the exigencies of the service, afternoon sessions, including outpatient sessions, may have to be carried out as per arrangements approved by the Department for the Elderly and Community Care.

3.4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The selected candidate will be required to help in the improvement and continuous development in the Geriatric Services in Malta as regards to:-

(a) the development of Day Care Service and Day Hospital Service in Geriatric Hospital in Malta;

(b) the improvement of the facilities for acute in-patient care at St. Vincent de Paula Residence; and

(ċ) tiżviluppa *Health Care Team* multi-dixxiplinarju għal Servizz fl-Isptar kif ukoll fil-Komunità.

5.2. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li tagħmel regolarment sessjonijiet speċjalizzati fiċ-Ċentri tas-Saħħa skond programmi approvati dwar kura fil-komunità u tista' tkun meħtieġa li tagħti servizz f'xi estensjoni futura oħra ta' servizz tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali komprensiva tas-Saħħa.

5.3. Meta l-persuna nominata tkun *Admitting Consultant* (fuq xogħol), tista' tkun meħtieġa li tattendi għall-ħtiġiet tal-pazjenti skond l-esiġenzi tas-servizz. Hi għandha, dakinhar filgħaxija, iddur is-sala biex taċċerta, sakemm hu prattikabbli, li kull dħul ta' emerġenza li jsir wara nofsinhar u kmieni filgħaxija jiġi eżaminat minnha fl-istess ġurnata tad-dħul.

5.4. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta li d-dixxiplina u l-prattika fis-sala (inklużi l-aspetti ta' l-iġjene) li jaffettwaw il-pazjenti taħt il-kura tagħha, ikunu l-ogħla livell possibbli.

5.5. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta t-twettiq ta' program kontinwu ta' taħriġ u edukazzjoni għall-i*staff* li jieħu ħsieb il-pazjenti taħt il-kura tagħha.

5.6. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tkopri lill-*Consultant Geriatricians* l-oħra fl-assenza tagħhom kif ikun meħtieġ.

6. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

(c) the development of a multidisciplinary Health Care Team for Hospital as well as in the Community Service.

5.2. The appointee may be required to hold regular specialized clinics in the Health Centres in accordance with approved community care programmes and may also be required to provide service in any future extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme.

